# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. MHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D. LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' Nhar it-Tnejn 26 ta' Gunju 2017**

**Kawza Numru: 49**

**Rikors Numru: 1188/2013 JPG**

**Jean Pierre Abdilla**

**VS**

**Il-Kummissarju tal-Pulizija**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors datat 11 ta' Dicembru 2013 ta' Jean Pierre Abdilla, detentur karta tal-identita numru 555475 (M) ai termini tal-artikolu 22C tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

*Illi l-esponent tressaq il-Qorti akkuzat talli, fost l-ohrajn, assocja ruhu ma' xi persuna jew persuni ohra sabiex ibiegh jew jittraffika l-medicina f'Malta, forna jew ipprokura, jew offra li jforni jew jipprokura d-droga eroina u kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina kontra l-ligi. Illi permezz ta' sentenza datata tlieta (3) ta' Dicembru tas-sena elfejn u disgha (2009), fl-ismijiet Ir-Repubblika ta' Malta vs. Jean Pierre Abdilla, il-Qorti Kriminali sabitu hati tal-akkuzi migjuba kontrih u barra l-piena ta' prigunerija u l-hlas ta' multa ordnat ukoll il-konfiska favur il-*

*Gvern ta' Malta tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli u immobbli ohra tieghu;*

*Illi permezz ta' sentenza datata dsatax (19) ta' Settembru tas-sena elfejn u tlettax (2013) fl-ismijiet Ir-Repubblika ta' Malta vs. Jean Pierre Abdilla, il-Qorti tal-Appell Kriminali laqghet parzjalment l-appell fis-sens illi rrevokat l-verdett u d-dikjarazzjoni ta' htija dwar ir-reat taht l-ewwel kap tal-att tal-akkuza izda kkonfermat is-sentenza appellata fil-bqija.*

*Illi l-esponent qieghed prezenzjalment jipprevalixxi ruhu mid-dispost tal-Artikolu 22C tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex jottjeni dikjarazzjoni li l-propjeta' kollha tieghu kemm mobbli kif ukoll dik immobbli hekk konfiskata mhix profitt jew dhul mill-ghemil ta' xi reat taht din l-Ordinanza jew akkwistata direttament jew indirettament minn jew permezz ta' xi profitti jew dhul bhal dak u sabiex ghaldaqstant l-istess propjeta konfiskata ma tibqax hekk konfiskata u tintradd lura lir-rikorrenti;*

*Illi l-esponenti jinsab f'posizzjoni li jipprova li l-propjeta' tieghu mobbli u cioe' il-vettura tal-marka. Peugot 206 ta' kulur ahmar, il-mutur bin-numru tar-registrazzjoni DBO-756, u il-propjeta' immobbli u cioe' il-maisonette bl-isem 'Sunny Side' sitwat fi Triq Hompesch, Zurrieq u garage sitwat fi Triq it-Tin, Zurrieq ma gewx akkwistati bi flus provenjenti minn xi reat taht l-imsemmija ordinanza u lanqas inkisbu direttament jew indirettament permezz ta' xi profitti jew dhul provenjenti minn xi reat taht l-istess ordinanza;*

*Illi in oltre fir-rigward tal-polza tal-assikurazzjoni mas-socjeta' Mid-Med Life Assurance, l-esponenti qieghed f'posizzjoni li jipprova li din il-polza t'assikurazzjoni m'hiex rizultat ta' flus provenjenti minn xi reat taht l-istess ordinanza;*

*Ghaldaqstant l-esponent jitlob umilment lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha ai termini tal-artikolu 22C u 22D tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta tirrevoka l-ordni tal-konfiska tal-propjeta' kollha tieghu, kemm mobbli kif ukoll immobbli maghmula*

*fis-sentenza tad-19 ta' Settembru tas-sena 2013 fl-ismijiet Ir-Repubblika ta' Malta vs Jean Pierre Abdilla.*

Rat illi l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u l-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi

Rat ir-Risposta tal-Kummissarju tal-Pulizija, datata 13 ta' Jannar 2014, a fol 53 et seq, li taqra hekk;

1. *Illi fir-rigward tal-meritu, jehtieg li r-rikorrent jgib prova konkreta u sodisfacenti li l-provenjenza tal-oggetti li taghhom qed jitlob ir-rilaxx mhix rizultat ta' profit jew dhul mill-ghemil tar-reat li tieghu ir-rikorrent instab hati jew proprjeta' akkwistata jew miksuba, direttament jew indirettament, minn jew permezz ta' xi profitti jew dhul mill-ghemil tar-reat;*

2. *Illi in vista tas-suespost l-esponent jirrileva li m'ghandux jigi soggett ghall-ispejjez tal-istanti;*

3. *Salvi eccezzjonijiet ulterjuri, jekk ikun il-kaz.*

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet Finali tal-attur Jean Pierre Abdilla, detentur ta' karta tal-identita' numru 555475(M), datata 28 ta' Novembru 2016, a fol 271 et seq;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-Kummissarju tal-Pulizija, datata 25 ta' Jannar 2017, a fol 282 et seq;

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni finali tal-partijiet.

**Ikkonsidrat;**

**In-Nutar Mario Bugeja** xehed a fol 58a *et seq* illi r-rikorrenti, flimkien ma' Alison Abdilla, li dak iz-zmien kienet ghada l-gharusa tieghu, kien xtara *maisonette* fi Triq Hompesch, Zurrieq **permezz ta' kuntratt datat 16 ta' Jannar 1999**, ghas-somma ta' Lm 19,000 u ghal dan il-ghan kienu hadu self minghand il-bank permezz tal-istess kuntratt fis-somma ta' Lm17,500. Xehed ukoll illi sussegwentement, ir-rikorrenti u martu, waqt iz-zwieg, kienu xtraw garaxx ghas-somma ta' Lm4,000 permezz ta' kuntratt datat 30 ta' Jannar 2003, u dan minghajr ma hadu self ghaliex l-hlas kien sar in kontanti.

**Stephen Sacco** xehed a fol 73a *et seq* illi huwa impjegat bhala *Purchase Manager* ma' Michael Attard Limited u kkonferma illi r-rikorrenti **kien xtara Peugeot bin-numru tar-registrazzjoni JPR041** minghand l-istess socjeta permezz ta' **skrittura datata 4 ta' Lulju 2003**. Ghal dan il-ghan kienu saru xi kambjali li imbaghad gew mibjugha lil Mid-Med Bank u ghalhekk il-klijent kellu jhallas lil HSBC. Zied li din il-vettura kien xtraha wahdu u mhux ma' xi persuni ohra.

**Alison Abdilla** xehdet a fol 74a *et seq* illi hija l-mara tar-rikorrent u li kienu zzewgu fil-25 ta' Novembru 2000, filwaqt li d-dar matrimonjali bl-indirizz Sunn Side, Triq Homesch, Zurrieq, kienet inxtrat fl-1999. Spjegat illi hija kienet tahdem *full-time* ghal seba' snin mal-Methode Electronics, u dan bejn is-sena 1995 sas-sena 20001, filwaqt li r-rikorrenti kien jahdem *full-time* bhala pulizija filwaqt li kien ukoll jilghab *football* mal-Imqabba u maz-Zurrieq. Xehdet illi l-genituri taghha kienu jghinuhom finanzjarjament u dan billi jaghtuhom Lm400 jew Lm500, li kienu jghadduhom kontanti lir-rikorrenti sabiex hu jmur jiddepozitahom il-bank biex jintuzaw bhala pagamenti ghas-self li kienu hadu biex jixtru d-dar matrimonjali. Rigward il-garaxx bl-indirizz Blue Roses, Triq it-Tin Zurrieq, xehdet li dan kien inxtara fiz-zwieg billi kienu tawhom Lm1,500 il-genituri taghha, u l-bqija kienu hallsuhom hi u zewgha, u ghalhekk kien thallas immedjatament fuq il-kuntratt. Rigward il-vettura Peugot 206 bin-numru ta' registrazzjoni JPR 041 xehdet illi din ukoll kienet inxtrat fiz-zwieg, u dan billi hallsu depozitu u l-bilanc kien jithallas permezz ta' pagamenti mensili ta' Lm133 li kienu jinqghatu direttament mill-paga tar-rikorrent. Xehdet ukoll

rigward il-poloz ta' assikurazzjoni li saru mal-Mid-Med u mal-Bank of Valletta Middlesea illi dawn kienu saru mir-rikorrent **qabel iz-zwieg**. Ikkonfermat illi l-genituri taghhom kienu jghinuhom hafna finanzjarjament, specjalment billi kienu jaghtuhom il-flus ghall-pagamenti tas-self mal-bank. Spjegat li dan kien possibli ghal genituri taghha ghaliex ommha, Maria Stella Zammit, kienet ghamlet ghoxrin sena tahdem mal-Prime Bacon filwaqt li missierha, Charles Zammit, kien impjegat bhala *public relations officer* ma' Lafico.

**Maria Stella Zammit** xehdet illi hija l-kunjata tar-rikorrenti u spjegat illi fl-ahhar tax-xahar hi u zewgha kienu ghamlu sena jghatu lir-rikorrent u binthom bejn Lm400 jew Lm500 biex ihallas l-pagamenti tas-self lil bank, u dan billi kienu jghaddu l-flus in kontanti lir-rikorrenti meta kien imur ghandhom id-dar fil-ghaxija. Kompliet li apparti minn dan, kienu anke ghenuhom biex ihallsu ghal xi xogholijiet u materjali li kellhom bzonn ghad-dar. Spjegat illi hi u zewgha kienu f'posizzjoni jaghuthom din l-ghajnuna propru ghaliex hi kienet impjegat full time *ma'* Prime Bacon u kellha paga mensili ta' circa €900 filwaqt li zewgha kellu introjtu ta' circa Lm1,500 fix-xahar mill-impjeg tieghu ma' Lafi Trade Holding, f'Tas-Sliema. Ziedet illi bhala flus, hi tikkalkula li kienu tawhom circa Lm8,000.

**In kontro-ezami** xehdet illi hija ma kienetx tikteb meta kienet tghaddi l-flus imsemmija, izda sempliciment kienet tatihom lir-rikorrenti, peress li bintha kienet tkun dejjem xoghol u r-rikorrenti kien ikun dejjem id-dar ghandhom fil-ghaxija. Xehdet illi r-rikorrent u bintha ghandhom zewgt itfal, u ghalhekk ghada tghin lil bintha sal-llum peress illi ma tistghax tlahhaq mal-hajja. Ikkonfermat illi apparti l-ghajnuna li kienu jaghtuhom huma, r-rikorrenti kien ukoll jaghmel xi hlasijiet biex jinxtraw il-proprjetajiet imsemmija.

**Ri-prodotta** a fol 77c *et seq* xehdet illi zewgha kien jahdem Lafico ma' Avitrade Holding. Xehdet ukoll ili apparti x-xoghol li kien jaghmel ma' din il-kumpanija kellu wkoll impjieg part-time mal-istess kumpanija billi jaghmila ta' xufier ghalihom bil-lejl. Xehdet li ghalhekk huwa kelu dhul iehor apparti s-somma mensili ta' Lm800 gieli kien jaqla' xi Lm200 iktar.

**Ir-rikorrent Jean Pierre Abdilla** xehed a fol 99a *et seq* illi huwa zzewweg lil martu Alison Abdilla fil-25 ta' Novembru 2000. Xehed illi hu kien ilu jahdem bhala pulizija mis-

sena 1995 u baqa' f'dan l-impjieg sa nofs is-sena 2005. Spjegaw illi hu u martu kienu xtraw id-dar matrimonjali taghhom bl-indirizz Sunny Side, Triq Hompesch, Zurrieq, qabel iz-zwieg, u dan billi hallsu Lm6,000 bhala depozitu u l-bilanc rimanenti ta' Lm13,000 kien thallas billi hadu self minghand il-bank. Spjega illi dan is-self kien qed jithallas lura permezz ta' pagamenti mensili, **u damu circa sena u nofs biex hallsu lura dan is-self**, peress li dak iz-zmien kellu paga tajba, peress li kellu l-paga ta' pulizija, kif ukoll kien jithallas circa Lm100 fix-xaharghaliex kien jilghab *football,* u kien idahhal ukoll circa Lm15 ohra fix-xahar billi jaghmel xogholijiet ta' kisi u tibjid. Zied li apparti dan, martu kienu ukoll impjegata *full-time* dak iz-zmien, u inoltre l-genituri taghha kienu jaghtuhom circa Lm400 fix-xahar ghal xi sena u nofs. Xehed ukoll illi din il-proprjeta kienet inxtrat *shell* u huwa kien ghamel diversijiet xogholjiet fiha, inkluz xoghol ta' kisi u zebgha,

Rigward il-vettura Peugot 206 bin-numru JPR 041, xehed illi din kienet inxtrat minnu u minn martu waqt iz-zwieg **f' Lulju tal-2003**. Spjega li **dakinhar kienu hallsu depozitu ta' Lm500, meta waslet il-karozza ghandhom f'Ottubru hallsu Lm3,500** u l-bilanc ta' Lm1,500 thallas permezz ta' self mal-bank, fejn kien ihallas pagamenti mensili ta' Lm125 li kienu jinqghatu mill-paga tieghu. Xehed li barra minn hekk fl-2003 kienu xtraw garaxx ta' karozza wahda ghal Lm4,000, u fl-2008 kien xtara mutur *four wheeler* ghal prezz ta' €930, imhallasin kontanti, li kien iggaraxxjah fl-2010. Zied illi barra minn hekk huwa ghandu zewg poloz ta' assikurazzjoni, **wahda mill-liema kien hareg fl-1999 mal-HSBC** (gia Mid-Med Bank) **u l-ohra kienet saret fl-2001 mal-Middlesea, u kien ihallas pagamenti mensili ta' Lm50 ghal kull polza, li kienu jithallsu mill-paga tieghu.**

**Xehed illi l-ispiza totali tal-proprjeta u mobbli msemmija kienet ta' Lm28,000 fuq medda ta' kwazi ghaxar snin, u fuq l-istess medda taz-zmien hu kellu introjtu *gross* ta' circa Lm70,000, u dan apparti l-paga ta' martu.**

**In kontro-ezami** a fol 99g *et seq* xehed illi huwa kellu hin ghal affarijiet ohra barra xogholu bhala pulizija ghaliex *football* kien imur biss tliet darbiet fil-gimgha, fis-sitta ta' filghaxija, u x-xoghol ta' kisi u tibjid seta' jaghmlu ghaliex minhabba l-mod kif kien organizzat ir-*roster* kienu ikollu kwazi jumejn *off*.

**Ri-prodott** a fol 240 *et seq* xehed illi waqt li jinsab detenut kien qieghed jahdem mal-Playmobil, **u dan mis-sena 2010 u ghalhekk ghandu introjtu ta' circa €1,148**.

**Prodott mill-intimat** a fol 244 *et seq* xehed illi l-pagamenti ghas-self tal-vettura Peugot 206 kienu ta' Lm125 fix-xahar sakemm gie saldat l-ammont kollu dovut. Rigward il-mutur xehed illi dan xtrah fi Frar 2008, u filfatt id-data tar-registrazzjoni hija 13 ta' Frar 2008.

**Jason Gatt, rapprezentant ta' HSBC Life Insurance Malta Ltd** xehed a fol 114 *et seq* illi r-rikorrent ghandu polza ta' assikurazzjoni mas-socjeta rapprezentata minnu **li bdiet fit-22 ta' Jannar 1995 u saret ghal 25 sena, u l-pagamenti mensili kienu ta' €48.92.**

**Joseph Caruana, rapprezentant tal-Bank of Valletta,** xehed a fol 137a *et seq* u a fol 213 *et seq* **illi r-rikorrenti kellu *loan account* li jirrizulta li nfetah fit-2 ta' Novembru 2000 u nghalaq fil-15 ta' Gunju 2001** u *savings account* li nfetah fit-30 ta' Dicembru 1996 u ghadu miftuh.

**Denise Bezzina, rapprezentata ta' MSV Life** xehdet a fol 208a *et seq* illi r-rikorrenti ghandu fuq ismu polza ta' assikurazzjoni **li bdiet fit-30 ta' Lulju 2001 u saret ghal periodu ta' 30 sena, b'pagament annwu ta' €587 li jithallsu permezz ta' *standing order.***

**Renzo Galea, rapprezentat ta' Bank of Valletta,** xehed a fol 219a *et seq* illi hemm zewg pagament tal-polza ta' assikurazzjoni li m'ghandhomx dettalji ta' kif saru, rigwardanti is-sena 2002 u s-sena 2007.

**Stephen Sacco** xehed a fol 262 *et seq* illi huma jithallsu immedjatament ghaliex kienu saru kambjali, u dawn jigu prezentanti l-bank li fi ftit jiem ihallas, imbaghad ir-rikorrent ikollu jhallas lil bank.

**SM 128 Joseph Farrugia** xehed a fol 265 *et seq* u kkonferma illi r-rikorrent kien talab u inghata awtorizazzjoni biex jilghab *football* maz-Zurrieq Football Club fil-*premier division.*

**Ikkonsidrat:**

Fir-rigward tal-oneru tal-prova f'din it-tip ta' azzjoni, kif gie ritenut fis-sentenza **Nazzareno Abela vs Kummissarju tal-Pulizija** deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fis-6 ta' Ottubru 2005:

> ***"jaqa 'fuq il-persuna li titlob it-tnehhjja tal-ordni tal-konfiska li tressaq il-provi taghha fi grad bizzejjed biex titwemmen li 1-gid li trid li jinheles mill-konfiska, ma kienx miksub minn flejjes jew qliegh marbutin minn profitt jew dhul minn ghemil ta' reat. Ladarba 1-procediment gie mahsub mil-legisiatur li jinstama' minn Qorti ta' kompetenza civili u ladarba l-ligi nnfisha tghid li dwar kull procediment bhal dan japplikaw id-dispozizzjonijiet tal-Kodici taiOrganizzazzjoni u Procedura Civili, huwa naturali ghalhekk li wiehed jistenna li l-grad ta' prova mressqa jkun wiehed li joqghod ghall-procediment ta' natura civili u mhux dak rigoruz tal-procediment penali."***

Fuq l-istess materja, fis-sentenza fl-ismijiet **Elton Brincat vs Il-Kummissarju tal-Pulizija** deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-30 ta' Gunju 2011 intqal illi:

> "[i]*l-procedura kontemplata bl-Art. 22C hija specjali u taghmel eccezzjoni fis-sens li tapplika meta persuna tkun instabet hatja minn Qorti kompetenti ta' reat kontra l-Kap. 101. Ghalhekk ladarba tmur kontra x-xejra tad-disposizzjonijiet generali ta' dik il-ligi fejn si tratta tal-konfiska tal-gid ta' persuna li tikser il-Kap. 101, u sakemm jigu mharsin il-jeddijiet sostantivi tal-partijiet interessati, ghandha tinghata tifsira f'termini stretti u mhux aktar wiesgha minn dak li ried il-legislatur.*

*Jekk wara smigh sommarju, il-Qorti tasal ghall-fehma li t-talba tar-rikorrent ghandha tintlaqa' kollha jew f'xi parti minnha, il-gid li jkun milqut b'dik id-decizjoni ma jibqax izjed konfiskat u jintradd lura lir-rikorrent bis-sahha tad-decizjoni nnfisha meta din issir gudikat (Art. 22D) u dik id-decizjoni favorevoli titqies bhala trasferiment tat-titolu ta' dak il-gid lura mill-Gvern ghal ghand ir-rikorrent [Art.22C(8)] kif preskritt. Il-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta li bis-sahha tieghu jsir is-sekwestru jidher li johloq presunzjoni ("Abela vs Kummissarju tal-Pulizija" op. cit.) li l-gid tal-persuna mixlija b'reat kontra dik l-Ordinanza tnissel sewwasew mill-attività kriminali tal-persuna li tkun. Dan ighodd aktar jekk il-persuna tkun fil-fatt instabet hatja mill-Qorti kompetenti tar-reat li tkun mixlija bih. F'dan il-kuntest, ghalhekk* ***il-piz tal-prova li dak il-gid inkiseb b'mezzi legittimi jrid ikun x'aktarx aqwa minn semplici dikjarazzjoni vaga li r-rikorrent kellu ghejun jew risorsi ohra ta' ghejxien.***"

Gie spjegat ukoll, fis-sentenza fl-ismijiet **Anthony Seychell vs Kummissarju tal-Pulizij** deciza mill-Qorti tal-Appell Civili fl-1 ta' Lulju 2014 illi sabiex jikseb ir-rilaxx tal-proprjeta in kwistjoni, ir-rikorrenti irid jipprova illi:

"*…**l-provenjenza taghhom hija kollha kemm hi lecita**. In oltre, kif qalet din il-Qorti fil-kawza Bajada et v. L-Avukat Generali et. deciza fit-28 ta' Marzu, 2014, "**il-prova trid tkun wahda cara u konkludenti, anke jekk il-grad ta' perswazjoni huwa biss fuq bazi ta' probabbilita**`" (ara wkoll Abela v. Kummissarju tal-Pulizija, deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fis-6 ta' Ottubru, 2005).*"

Huwa principju pacifiku fil-gurisprudenza tal-Qrati Maltin illi, kif intqal fis-sentenza fl-ismijiet **Ambrose Zammit vs Il-Kummissarju tal-Pulizija** deciza minn din il-Qorti fit-22 ta' April 2013;

"*…il-kliem tal-ligi ma jkoprix biss il-provenjenza illecita tal-flus izda jinkludi 1-gid: "profitti jew dhul mill-ghemil ta' xi reat taht din l-*

*Ordinanza (Kap.101) ... lanqas proprjeta akkwistata jew miksuba direttament jew indirettament minn jew permezz ta' xi profitti jew dhul bhal dawk"*

*(vide Artikolu 22C(1) tal-Kap.101 )*

*Il-fatt li l-attur Ambrose Zammit kien irnexxxilu iwarrab parti sostanzjali mill-paga tieghu u jiddepozitha il-bank ghaliex kien qed jghix fuq il-gid illi ghamel bhala traffikant tad-droga, ifisser illi huwa ma kienx, bhal cittadini ohra kollha ta' dan il-pajjiz, qed jonfoq il-paga tieghu fuq il-htigijiet normali tal-hajja. Ghalhekk f'dan is-sens ghamel profit.*"

Ghalhekk din il-Qorti ghandha l-kompitu li tistabilixxi jekk il-proprjeta li taghha r-rikorrenti qed jitlob ir-rilaxx, giet akkwistata jew miksuba direttament, jew indirettament permezz tar-reati li taghhom instab hati.

1. **Id-dar bl-indirizz Sunny Side, Triq Hompesch, Zurrieq.**

Jirrizulta illi din id-dar kienet inxtrat mir-rikorrent flimkien ma' martu, li dak iz-zmien kienet ghada l-gharusa tieghu, u dan permezz ta' kuntratt datat 16 ta' Jannar 1999 ghal prezz ta' Lm19,000[1]. Din il-proprieta thallset permezz ta' depositu ta' sitt elef lira (Lm6,000) fuq il-kuntratt, u l-bilanc rimanenti thallas billi ttiehdet *loan* minghand il-Bank of Valletta ghas-somma ta' Lm17,500 permezz tal-istess kuntratt.

Mix-xhieda ta' Joseph Caruana, rapprezentant tal-Bank of Valletta jirrizulta illi **din il-*loan* thallset kompletament u ghalhekk il-kont relevanti inghalaq fil-15 ta' Gunju 2001**, u dan ukoll kif jirrizulta mir-rendikont ezebit a fol 204. Mill-provi jirrizulta, u mhux kontestat illi dak iz-zmien ir-rikorent kien impjegat mal-korp tal-pulizija, u anke martu kienet impjegata fuq bazi *full time,* u ghalhekk kellhom introjtu fiss. Dan oltre l-fatt illi din **il-*loan* giet saldata ferm qabel il-perjodu ghar-rigward ta' liema r-rikorrent instab hati li kkommetta r-reati taht il-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta.**

[1] Vide kuntratt ezebita fol 8 et seq u xhieda tan-Nutar Mario Bugeja a fol 58A et seq;

Ghalhekk il-Qorti hija moralment konvinta illi din il-proprjeta ma nxtratx bi flus provenjenti mir-reati li taghhom ir-rikorrent instab hati, u filfatt rat illi l-intimat fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu kien tal-fehma illi din il-proprjeta ghandha tigi rilaxxata, u konsegwentement ghandha tigi rilaxxata.

**2. Il-garaxx fi Triq it-Tin, Zurrieq.**

Mill-atti jirrizulta illi dan il-garaxx inxtara mir-rikorrent u martu permezz ta' kuntratt datat **30 ta' Jannar 2003**, ezebit a fol 18 *et seq* **ghal prezz ta' Lm4,000**. Mill-istess att jirrizulta li s-somma **shiha ta' Lm4,000 thallset fuq il-kuntratt stess**.

Ghalhekk, peress illi ma tressqet l-ebda prova li titfa' xi dubbju fuq il-fatt illi r-rikorrent u martu hallsu ghal dan il-garaxx fit-30 ta' Jannar 2003, u cioe **circa sena u nofs qabel iz-zmien li ghalih instab hati** tar-reat addebitati lilu ai termini tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tqis illi jinsab provat illi dan il-garaxx ma giex akkwistat bi flus provenjenti mir-reati li taghhom instab hati, **tant illi l-intimat stess jaqbel mar-rilaxx ta' din il-proprjeta fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu, u konsegwentement ghandu jigi rlaxxat**.

**3. Il-vettura Peugot 206 bin-numru tar-registrazzjoni JPR 041.**

Jirrizulta mid-dokument ezebit a fol 6 *et seq* illi r-rikorrent u martu akkwistaw din il-vettura minghand Michael Attard Ltd fil-5 ta' Lulju 2003 ghal prezz ta' Lm5,510. Minn din is-somma ir-rikorrent u martu hallsu Lm500 fuq l-iskrittura ta' komprovendita, u ai termini tal-istess skrittura Lm3,510 mal-konsenja, u **sussegwentement permezz ta' hlasijiet mensili ta' Lm125 ghal perjodu ta' sena**.

L-intimat argumenta fin-nota tieghu illi r-rikorrent waqt li kien qed jiddeponi, afferma dak suggerit lilu li d-dejn fuq din l-karozza gie saldat fl-2005 u ghalhekk ma jistghax ikun hemm certezza rigward il-provenjenza lecita tal-fondi li ntuzaw biex thallset din il-vettura. Fil-verita pero', il-pagamenti mensili ta' Lm125 iwasslu sabiex is-somma ta' Lm1,500 **tigi mhallsa fi zmien sena**, u filfatt hemm kondizzjoni fil-kuntratt ta' komprovendita li l-bilanc kellu jithallas fi zmien sena. Mill-atti ma jirrizultax illi r-rikorrent kien lura bil-

pagamenti, u m'hemm xejn fl-atti li jwassal il-Qorti biex tikkonkludi illi r-rikorrent kien waqa lura fil-pagamenti tant illi dam sal-2005 biex gie saldat l-ammont dovut.

Minn dan isegwi illi l-bilanc rimanenti fuq din il-vettura gie saldat **circa f'Ottubru tas-sena 2004**, u ghalhekk **barra mill-perjodu relevanti**. Ghalhekk il-Qorti tqis illi din il-vettura ghandha tigi rilaxxata.

**4. <u>Il-mutur bin-numru ta' registrazzjoni DBO 756.</u>**

Ir-rikorrent xehed illi huwa xtara dan il-mutur fl-2008 ghal prezz ta' €930 minghand certu Simon Zammit. Sabiex jikkorobora dan, ir-rikorrent ezebixxa ricevuta li tinsab ezebita a fol 22 u a fol 105. Il-Qorti tinnota pero illi din ir-ricevuta m'hijiex datata, u li lanqas ma gie prodott Zammit sabiex jikkonferma meta sar il-hlas minghand ir-rikorrent. Mill-kopja tal-*logbook* prezentat mir-rikorrent, jidher illi r-registrazzjoni tal-mutur kienet daret fuq ismu fl-2008.

Jirrizulta illi r-rikorrent ma baqax jahdem mal-korp tal-pulizija fl-2005 meta saru l-allegazzjonijiet kontrih in kwistjoni, u ghalhekk l-introjtu tieghu minn dan ix-xoghol waqaf. Ir-rikorrent xehed illi hu imbaghad kien sab xoghol ma' kuntratturi u kien jahdem fuq proprjetajiet, izda dan m'hu sorrett bl-ebda dokumentazzjoni li turi x'tip ta' salarju kellu. Ir-rendikont tal-bank juri illi kienu qed isiru depoziti regolari permezz ta' cekkijiet pero il-provenjenza ta' dawn il-flus ma tirrizultax mill-atti. Ghalhekk galadarba m'hemx provenjenza cara tal-flus li kienu dehlin fil-kont bankarju tar-rikorrent, il-Qorti tqis illi a giex sufficjentement provat illi l-mutur msemmija inxtara bi flus li ghandhom provenjenza lecita, **u konsegwentement m'ghandux jigi rilaxxat.**

**5. <u>Il-polza ta' assikurazzjoni Mid-Med Life Insurance</u>**

Mill-atti jirrizulta illi r-rikorrent kien hareg polza ta' assikurazzjoni life Insurance ma' Mid-Mid Bank f'Jannar 1999 li kellha timmatura f'Jannar 2024, b'pagamenti mensili ta' €48.92. L-intimat argumenta illi ghalhekk ma jistghax jigi eskluz illi l-pagamenti ta' din il-polza effettwati mill-perjodu kopert mill-polza kienu gew effettwati minn profitt li r-rikorrent ghamel mill-kommissjoni tar-reati li taghhom instab hati.

Il-Qorti pero ma taqbilx ma' dan l-argument. Fil-perjodu relevanti, u cioe bejn it-3 ta' **April 2005 sat-3 ta' Mejju 2005** ir-rikorrent kellu impjieg regolari mal-Korp tal-Pulizija, ghalhekk b'introjtu regolari u legittimu. Il-pagamenti li kellhom isiru ghal din il-polza ta' assikurazzjoni ma kienux ammonti kbar u ghalhekk il-Qorti m'ghandiex dubbju illi r-rikorrent setgha facilment ihallas dan il-pagamenti mill-paga tieghu bhal ma kien jaghmel kull xahar, tant illi mix-xhieda tar-rapprezentanti tal-bank stess irrizultat illi l-provenjenza legittima ta' dan il-pagament. Ghalhekk il-Qorti tqis illi anke din il-parti tat-talba tar-rikorrent timmerita li tigi milqugha.

**6. Il-polza ta' assikurazzjoni mal-Bank of Valletta**

Mill-provi jirrizulta wkoll illi r-rikorrent kien hareg polza ta' assikurazzjoni tal-hajja fit-30 ta' Lulju 2001 u saret ghal perodu ta' 30 sena, b'pagament annwu ta' €587 li kien jithallas permezz ta' *standing order.* Mix-xhieda tar-rapprezenanti bankarji jirrizulta illi dan il-pagamenti **annwu kien jithallas fi Frar ta' kull sena.**

Fir-rigward ta' din il-polza, l-intimat isostni illi l-Qorti m'ghandhiex tordna r-rilaxx taghha ghaliex ir-rikorrent ma semmihiex specifikatament fir-rikors promotur tieghu. Illi pero l-Qorti taghraf illi fit-talba tieghu ir-rikorrent talab lil Qorti sabiex "*...**tirrevoka l-ordni tal-konfiska tal-proprjeta' kollha tieghu, kemm mobbli kif ukoll immobbli** maghmula fis-sentenza tad-19 ta' Settembru tas-sena 2013 fl-ismijiet ir-Repubblika ta' Malta vs Jean Pierre Abdilla."* Barra minn hekk, ghalkemm huwa minnu illi din il-polza ma ssemmietx fil-premessi b'mod specifiku, ir-rikorrent kien impremmetta li permezz ta' din l-azzjoni, kien qieghed jipprova "*...jottjeni **dikjarazzjoni li l-proprjeta kollha tieghu kemm mobbli kif ukoll dik immobbli** hekk konfiskata mhix profitt jew dhul mill-ghemil ta' xi reat..."* Ghalhekk il-Qorti tqis illi l-argument tal-intimat huwa nfondat, galadarba kemm fil-premessi, kif ukoll fit-talba, jirrizulta li r-rikorrent kien qieghed jitlob ghar-rilaxx tal-proprjeta kollha tieghu li giet maqbuda.

Il-Qorti hija tal-fehma illi galadarba il-pagament **kien isir fi Frar ta' kull sena**, il-pagament ghas-sena 2005 kien lahaq gie effetwat **qabel** il-perjodu in kwistjoni. Ghalhekk il-Qorti tqis illi hemm provi sufficjenti sabiex tordna r-rilaxx ta' din il-polza ta' assikurazzjoni.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi filwaqt li tilqa' in parte l-ewwel u t-tieni eccezzjoni tal-intimat, tilqa' in parte it-talba tar-rikorrent u tordna r-rilaxx tas-segwenti proprjeta mobbli u immobbli:

1. **Il-fond bl-indirizz Sunny Side, Triq Hompesch, Zurrieq;**
2. **Il-garaxx fi Triq it-Tin, Zurrieq;**
3. **Il-vettura Peugot 206 bin-numru ta' registrazzjoni JPR 041;**
4. **Il-polza ta' assikurazzjoni tal-hajja mal-HSBC (gia Mid-Med Bank);**
5. **Il-polza ta' assikurazzjoni tal-hajja mal-Bank of Valletta.**

L-ispejjez ghandhom jinqasmu in kwantu ghal 1/6 a karigu tar-rikorrent u 5/6 a karigu tal-intimat.

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**